# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 110**

**Citaz. Nru. 977/99GV**

Doc. 102-01

**Preluna Limited**

**vs**

**Imnarja Ventures Limited**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-kumpanija attrici hija kreditrici tal-kumpanija konvenuta fis-somma ta' elf, mija u sitta u erbghin lira Maltija u tletin centezmu (Lm1,146.30) dovuta bhala bilanc minn somma akbar rappresentanti prezz ta' servizz ta' '*lodgings*' rez lill-kumpanija konvenuta fuq ordni taghha stess skond fattura annessa bhala Dok. A;

Premess illi l-kumpanija konvenuta ghalkemm interpellata biex thallas, anki permezz ta' ittra ufficjali datata 18 ta' Frar, 1999 baqghet inadempjenti;

Premess illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ai termini tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, stante li dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-kumpanija attrici il-kumpanija konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t'talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont, u l-kumpanija attrici qeghdha tannetti affidavit immarkat Dok. B a tenur tal-istess Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Tiddecidi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, u

2. Tikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas is-somma ta' elf, mija u sitta u erbghin lira Maltija u tletin centezmu (Lm1,146.30) dovuta bhala bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz ta' servizz ta' '*lodgings'* rez lill-kumpanija konvenuta fuq ordni taghha stess;'

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 18 ta' Frar, 1999 u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma din ic-citazzjoni u bl-imghax legali mid-data tas-servizz sallum b'rizerva ghal imghax ulterjuri sal-pagament effettiv kontra l-kumpanija konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta a fol. 13 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi qabel xejn is-socjeta' konvenuta, fl-ebda waqt ma agixxiet f'isimha proprio;

2. Illi l-ammont mitlub fic-citazzjoni, jekk stess huwa dovut, ma huwiex dovut mis-socjeta' esponenti, billi din ghamlet biss ix-xoghol ta' *reservation agent* ghan-nom ta' socjeta' jew socjetajiet esteri, li huma propjament il-legittimi kontradditturi fil-konfront tat-talba attrici;

Salvi eccezzjonijiet ohrajn.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**TALBA**

Is-socjeta' attrici qed titlob li din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas s-somma ta' Lm1,146.30 bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz ta' servizz ta' *lodgings* rez lill-kumpanija konvenuta fuq ordni taghha stess.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-kumpanija konvenuta eccepiet li fl-ebda waqt ma agixxiet f'isimha proprio; illi l-ammont mitlub jekk dovut, ma huwiex dovut mis-socjeta' konvenuta billi din ghamlet biss xoghol ta' *reservation agent* ghan-nom ta' socjeta' jew socjetajiet esteri li huma propjament il-legittimi kontraditturi fil-konfront tat-talba attrici.

**PROVI**

**Paul Debono,** Revenue Controller mad-ditta attrici, xehed li l-konvenuti kienu gabu grupp ta' russi li alloggjawhom il-Preluna. Il-konvenuti kienu ghamlu pagamenti *on account* u hallew bilanc - ara dok PD1 sa PD8 fol. 20-28. Il-*bookings* kienu saru mill-konvenuti, l-*invoices* kienu jibghatuhom lill-konvenuti, u l-pagamenti saru mill-konvenuti b'*cheque* taghhom. Meta kienu jitolbuhom biex ihallsu l-bilanc il-konvenuti kienu jitolbuhom aktar zmien biex ihallsu u qatt ma lmentaw. Hu kien jitkellem ma' Joe Abela. Huma kienu jafu biss lill-Imnaria Ventures u lill-hadd aktar. Abela qatt ma qallu li kien qed jagixxi ghal-principal barrani.

**Joseph Abela** xehed li ma kienx jaf li d-dokumenti ezibiti kienu fuq Imnaria Ventures. Dawn inbaghtu bi zball fuq Imnaria Ventures. Fuq id-dokumenti PD2 u PD4 hemm il-firma tieghu. L-ammont kien ta' Lm4,288.30. Hallas Lm1,102.50 fis-7 ta' Awissu, 1998 b'*cheque No*: 1586. Dok a fol. 40 li ghandu jitnaqqas mill-ammont mitlub fic-citazzjoni. Meta nhargu c-*cheques* fuq Imnaria Ventures, dawn hargu bi zball ghax ma kienux awtorizzati. Darba kien baghat lit-tifel tieghu ghand il-Preluna b'*cheque* ghat-timijiet tal-futbol.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Joseph Abela xehed li ma kienx jaf li d-dokumenti ezibiti mill-atturi kienu fuq Imnaria Ventures u li *se mai* dawn inbaghtu bi zball fuq Imnaria Ventures. Izda fl-istess hin Abela jammetti li fuq id-dokumenti PD2 u PD 4 hemm il-firma tieghu. Ghalhekk hu ma jistax jghid li ma kienx jaf li qed jintbghatu ordnijiet fuq Imnaria Ventures.

Abela qal ukoll li kien hallas ammont ta' Lm1,102.50 fis-7 ta' Awissu, 1998 *Cheque No*: 1586 - dok a fol. 40 li ghandu jitnaqqas mill-ammont mitlub fic-citazzjoni. L-atturi gabu prova li t-*teams* kienu gew alloggjati fi Frar, 1998 mentri l-pagament ta' Lm1,102.50 li semma Abela huma ghall Taljani li kienu alloggjati fil-lukanda f'Awissu 1998. Ghalhekk l-ammont li qed jitolbu l-atturi m'ghandux x'jaqsam ma l-ammont li Abela qed jippretendi li ghandu jitnaqqas.

Abela qal ukoll li meta nhargu *cheques* fuq Imnaria Ventures dawn hargu bi zball ghax ma kienux awtorizzati izda fl-istess hin jammetti li kien baghat lit-tifel tieghu ghand il-Preluna b'*cheque* ghat-timijiet tal-futbol.

L-atturi qed jissottomettu li l-*bookings* saru mill-konvenuti, l-*invoices* kienu jibghatuhom lill-konvenuti, u l-pagamenti saru mill-konvenuti b'*cheque* taghhom. Meta huma kienu jitolbuhom biex ihallsu l-bilanc, il-konvenuti kienu jitolbuhom aktar zmien biex ihallsu u qatt ma lmentaw jew qalulhom li

l-flus ma kienux dovuti minn Imnaria Ventures. Debono xehed li hu kien jitkellem ma Joe Abela u kien jaf biss lill-Imnaria Ventures u lill-hadd aktar. Abela qatt ma qallu li kien qed jagixxi ghal-principal barrani.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-konvenuti infurmaw lill-atturi li t-talba ghall-allogg kienet qed issir bhala agenti jew rapprezentanti ta’ xi persuna ohra, kif huwa l-obbligu ta’ kull agent skond id-disposizzjoni ta’ l-artikolu 54(1) Kodici Kummercjali:

*The agent is bound to furnish to the third party every information as to the extent of the authority conferred on him by the principal and, if the third party so requires, the agent is bound to deliver to such third party a declaration duly signed by him to the effect that a given transaction is comprised within the said authority.*

Fin-nuqqas ta’ din l-informazzjoni, l-atturi kienu gustifikati li jahsbu li l-konvenuti kienu qed jagixxu f’isimhom proprju.

(Ara wkoll sentenza Kum SC 19/1/82 Dr. M. Deceasre vs M. Portelli.)

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti tilqa’ t-talba attrici bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**